## Il-Proġett tal-*EU Disability Card*

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) bdiet taħdem fuq il-proġett tal-'*EU Disability Card in Malta*' fl-2015. Parti minn dan il-proġett hi mħallsa mill-Programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea.

Il-*card* se tkun tinkludi dawn id-dettalji kif hawn fl-istampa hawn taħt, minn quddiem u minn wara.







**Għal aktar informazzjoni dwar il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), tista' tara din il-websajt www.crpd.org.mt**

**CRPD**
Istitut Buġeia, Triq Braille
Santa Venera, SVR 1619, Malta

**Email: helpdesk@crpd.org.mt**

**Għawdex**
CRPD Helpdesk
Sannat Primary School
Sannat Road, Sannat, Gozo

Dan il-fuljett hu parti mill-proġett il-Karta tad-Diżabilità tal-Unjoni Ewropea f'Malta. Dan il-proġett għandu support finanzjarju mill-Programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea 2014-2020. Għal iktar informazzjoni tista żżur: http://ec.europa.eu/justice/grants1/programmes-2014-2020/rec/index_en.htm
L-infomazzjoni f'dan il-fuljett mhux neċessarjament tirrifletti l-pożizzjoni uffiċċjali tal-Kummissjoni Ewropea.



CRPD

# EU DISABILITY CARD

## X'inhi l-EU Disability Card?

**L-*EU Disability Card* hija *card* li turi li inti persuna b'diżabilità li tgħix f'Malta.**



## Fejn tista' tużaha din il-*card*?

L-*EU Disability Card* tista' tużaha f'ħafna postijiet f'Malta u meta ssiefer barra minn Malta. B'din il-*card*, tista' tieħu diversi benefiċċji minn postijiet differenti, bħal *discounts* jew ma tħallasx biex tidħol f'ċertu postijiet.

***F'Malta***

F'din il-*websajt* hawn taħt, tista' ssib il-postijiet fejn tista' turi din il-*card* u tieħu benefiċċji hawn Malta **www.eudisabilitycard.org.mt**



***Barra minn Malta***

Fil-*websajt* **http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1139**, tista' ssib il-postijiet fejn tista' turi din il-*card* meta ssiefer f'dawn il-postijiet: il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Fillandja, l-Italja, is-Slovenja u r-Rumanija. Kull pajjiż għandu lista differenti ta' postijiet fejn tista' tuża din il-*card*.



## Kif nista' napplika għall-*EU Disability Card?*

Tista' tapplika billi tidħol fil-websajt **www.eudisabilitycard.org.mt/card/apply** jew inkella tniżżel l-applikazzjoni mill-websajt tas-CRPD (crpd.org.mt), timlieha u tibgħatha bil-posta lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, Istitut Buġeia, Triq Braille, Sta Venera SVR 1619.

Jekk trid tistaqsi xi ħaġa tista' ċċempel lill-uffiċċju tas-CRPD fuq 22788555 jew tibgħat imejl fuq **helpdesk@crpd.org.mt**



## Jekk tixtieq toffri xi benefiċċji jew *discounts* għal min juża' l-*EU Disability Card:*

Applika billi żżur il-websajt **www.eudisabilitycard.org.mt/register-organisation/** jew inkella ibgħat email fuq **eucard@crpd.org.mt**